**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Benny Spiteri**

Numru: 312/2015

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Benny Spiteri,** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Carmelo u Golina nee' Attard imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-18 ta' Marzu 1980 u residenti fil-fond 'Karm', Triq Ta' Hraba, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8180G, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-l0 u l-11 ta' Lulju 2015 u kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa l-fond 'Karm', Triq ta' Hraba, Xewkija, Ghawdex u gewwa Triq ir-Rabat, Munxar u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil mara tieghu Melanie Spiteri Bezzina I.D. No. 36888G, b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li bl-agir tieghu kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna lill-mara tieghu Melanie Spiteri Bezzina ID No. 36888G biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-mara tieghu Melanie Spiteri Bezzina I.D. No. 36888G;

4. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi ngurja u/jew hedded lill-mara tieghu Melanie Spiteri Bezzina I.D. No. 36888G;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu Melanie Spiteri Bezzina I.D. No. 36888G hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Nathalie Gatt Ellis MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex matul il-mori tal-kawza u kif ukoll f'kaz ta' sejbien ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' tal-imsemmija Melanie Spiteri Bezzina.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Ottubru, 2015 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-Prosekuzzjoni u l-parti civili qablu li l-Qorti tikkunsidra fid-decizjoni taghha li tapplika xi wahda mill-mizuri li jipprovdi Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jkun hemm Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-Parte Civile.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H, 339(1)(d), 339(1)(e), 221, 543 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 2 tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Benny Spiteri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien tliet (3) snin mil-lum fil-konfront ta' Melanie Spiteri Bezzina.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**